L-Università ta' Malta

MATSEC
Examinations Board



# ĊES 46 Sillabu

## Il-Malti bħala Lingwa Barranija

**2026**

Aġġornat Mejju 2023

# Il-Werrej

L-Introduzzjoni ..................... 2
L-għanijiet ta’ dan il-programm ta’ kisbiet mit-tagħlim għal dan is-suġġett huma: ..................... 4
Il-Lista ta’ Kisbiet mit-Tagħlim ..................... 5
Il-Lista tal-Aspetti tas-Suġġett ..................... 5
Id-Deskritturi tal-livell tal-Programm ..................... 5
Il-Kisbiet mit-Tagħlim u l-Kriterji tal-Assessjar ..................... 7
L-Iskema tal-Assessjar ..................... 20
Kandidati tal-Iskola ..................... 20
L-Appendiċi ..................... 21

# L-Introduzzjoni

Dan is-sillabu huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-kurrikulu msemmija fil-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali* (NCF) li ssarraf f'liġi fl-2012. Is-sillabu huwa mfassal bl-użu tal-Qafas tal-*Kisbiet mit-Tagħlim* li jidentifika l-kandidati x'għandhom ikunu jafu u x'jistgħu jilħqu sat-tmiem tal-edukazzjoni obbligatorja.

Bħala sillabu li huwa bbażat fuq il-kisbiet mit-tagħlim, dan jindirizza l-iżvilupp olistiku tal-kandidati kollha u jirrakkomanda edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd bħala parti minn strateġija koerenti għat-tagħlim tul il-ħajja. Dan jassigura li l-kandidati kollha jkunu jistgħu jiksbu l-ħiliet u l-attitudnijiet meħtieġa biex 'il quddiem isiru ċittadini attivi u jirnexxu fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà irrispettivament mill-istatus soċjoekonomiku, kulturali, razzjali, etniku, reliġjuż u l-orjentazzjoni sesswali. Dan is-sillabu jipprovdi opportunitajiet ġusti għall-kandidati kollha sabiex jiksbu kisbiet edukattivi sat-tmiem tal-vjaġġ edukattiv tagħhom. Dan jippermettilhom li jipparteċipaw fit-tagħlim tul il-ħajja, inaqqsu r-rata għolja ta' tluq bikri mill-iskola u jassiguraw li l-kandidati kollha jiksbu l-kompetenzi ewlenin tas-seklu wieħed u għoxrin.

Dan il-programm jinkludi wkoll kisbiet ta' tagħlim relatati ma' temi kurrikulari wiesgħa, jiġifieri l-litteriżmu diġitali; id-diversità; il-kreattività u l-innovazzjoni tal-intraprenditorija; l-iżvilupp sostenibbli u t-tagħlim u l-litteriżmu kooperattiv. B'dan il-metodu l-kandidati jkunu jiksbu b'mod sħiħ il-ħiliet, l-għarfien, l-attitudnijiet u l-valuri meħtieġa biex javvanzaw fit-tagħlim, fix-xogħol, fil-ħajja u fiċ-ċittadinanza.

**X'inhu s-suġġett u r-relavanza tiegħu ma' ħajjet il-kandidati?**

Is-sillabu tal-Malti Bħala Lingwa Barranija jkopri u jagħti importanza ndaqs lill-erba' ħiliet ewlenin tal-lingwa jiġifieri s-smigħ, it-taħdit, il-qari u l-kitba kif ukoll aspetti oħra li jgħinu fl-integrazzjoni bħalma hija l-Letteratura li minnha nnifisha tintroduċi lill-kandidati ma' aspetti kulturali li jiltaqgħu magħhom ta' kuljum fil-pajjiż.

**Fiex jikkonsisti l-istudju ta' dan is-suġġett?**

Dan is-suġġett huwa mibni fuq ħdax-il kisba. Kull kisba fiha għadd ta' kriterji li jkopru l-livell 1, 2 u 3. L-assessjar tal-ħiliet, il-kisbiet u l-kriterji kollha ta' dan is-sillabu għandhom isiru fl-isfond ta' dawn it-temi:

| LIVELL 1 u 2 | LIVELL 2 u 3 |
|---|---|
| • It-temp<br>• Ix-xhur u l-istaġuni<br>• L-ikel<br>• Il-familja<br>• L-ilbies (Il-partijiet tal-ġisem)<br>• L-annimali<br>• Id-dar, it-triq u l-post fejn ngħix | • It-temp<br>• Ix-xhur u l-istaġuni<br>• L-ikel<br>• Il-familja<br>• L-ilbies (Il-partijiet tal-ġisem)<br>• L-annimali<br>• Id-dar, it-triq u l-post fejn ngħix |

| | |
|---|---|
| • L-ivjaġġar<br>• Postijiet familjari/turistiċi f'Malta.<br>• Festi popolari f'Malta (Karnival, Santa Marija, Il-Milied eċċ) | • L-ivjaġġar<br>• Postijiet ta' interess f'Malta<br>• Fir-ristorant/fl-ajruport/il-posta eċċ<br>• Il-passatempi/L-isport<br>• Il-kultura Maltija (ikel, festi, drawwiet, tradizzjonijiet)<br>• Il-Kampanja Maltija<br>• Il-kotba, il-qari u l-librerija<br>• Il-mezzi tat-trasport<br>• It-teknoloġija |

Dan is-sillabu huwa mibni fuq il-metodu komunikattiv li jenfasizza l-interazzjoni. Jenfasizza wkoll l-użu ta' testi awtentiċi maħsuba għal skopijiet ta' użu fil-ħajja ta' kuljum. Ma' dan is-sillabu qiegħed jingħata wkoll qafas dwar l-aspetti grammatikali skont il-livell kif jidher fl-ewwel Appendiċi. F'Appendiċi numru 2 wieħed għandu jsib gwida biex iħaddem in-numri bil-Malti skont il-livelli filwaqt li fin-numru 3 wieħed għadu jsib glossarju fuq it-termini tal-letteratura, li f'dan is-sillabu qed jaqa' taħt il-ħila tal-qari.

F'din it-tabella[1] wieħed għandu jsib eżempji ta' ġeneri li jistgħu jingħataw sabiex jintlaħqu u jiġu assessjati l-kisbiet tal-qari u s-smigħ:

- rapport u ittri
- kanzunetta
- riċetta u struzzjonijiet
- konverżazzjoni u djalogu
- programm kulturali
- taħdit umoristiku
- rakkont
- silta letterarja
- aħbarijiet
- intervista

[1] L-eżempji mogħtija f'din it-tabella ma jeskludux eżempji ta' ġeneri oħra li jistgħu jintużaw.

Għall-assessjar tal-kitba għandhom jingħataw xi wħud minn dawn il-ġeneri skont kif indikat fil-kisbiet mit-tagħlim tal-kitba.

| **Kisba Nru 9 u 10** | **Kisba Nru 9 u 11** |
| --- | --- |
| • nota<br>• avviż/reklam<br>• lista<br>• ittra elettronika jew postali li tista' tkun formali jew informali<br>• rapport<br>• reċensjoni<br>• storja<br>• artiklu<br>• kitba b'argumenti<br>• kitba li tiddeskrivi | • formola<br>• applikazzjoni<br>• kwestjonarju<br>• CV<br>• kitba ta' punti<br>• intervista<br>• djalogu<br>• storja<br>• artiklu<br>• kitba b'argumenti<br>• kitba li tiddeskrivi |

# L-għanijiet ta' dan il-programm ta' kisbiet mit-tagħlim għal dan is-suġġett huma:

**Fl-aħħar tal-programm, jien nista':**

1. Nikkomunika tajjeb bil-Malti f'kuntesti u ma' udjenzi differenti biex inkun nista' nintegra fis-soċjetà;

2. Inħaddem l-erba' ħiliet ewlenin tal-lingwa b'mod effettiv;

3. Niffaċċja b'kunfidenza ċ-ċirkostanzi li niltaqa' magħhom f'Malta fil-ħajja ta' kuljum u d-dinja tax-xogħol;

4. Inkompli nistudja aktar 'il quddiem billi nkun ksibt il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa, navvanza u nitgħallem tul il-ħajja f'Malta;

5. Napprezza aspetti kulturali, letterarji, politiċi u soċjali fost l-oħrajn, u niżviluppa ġudizzji personali għalihom li jgħinuni nintegra fis-soċjetà Maltija;

6. Inħares b'mod pożittiv lejn il-futur tiegħi sabiex nimraħ f'opportunitajiet differenti.

# Il-Lista ta' Kisbiet mit-Tagħlim

**Fl-aħħar tal-programm, jien nista':**

| | |
|---|---|
| Kisba 1 | Nitħaddet biex nikkomunika fil-ħajja ta' kuljum. |
| Kisba 2 | Nitħaddet biex nikseb u nagħti informazzjoni. |
| Kisba 3 | Nitħaddet biex nagħti opinjoni u nkun kreattiv. |
| Kisba 4 | Nisma' fil-ħajja ta' kuljum. |
| Kisba 5 | Nisma' biex ninforma ruħi. |
| Kisba 6 | Naqra ġeneri differenti. |
| Kisba 7 | Naqra b'vuċi għolja. |
| Kisba 8 | Napprezza testi letterarji. |
| Kisba 9 | Nikteb b'Malti tajjeb u kreattiv. |
| Kisba 10 | Nikteb biex ninqeda fil-ħajja ta' kuljum. |
| Kisba 11 | Nikteb biex nagħti u nikseb informazzjoni. |

# Il-Lista tal-Aspetti tas-Suġġett

1. It-Taħdit
2. Is-Smigħ
3. Il-Qari u l-Letteratura
4. Il-Kitba

# Id-Deskritturi tal-livell tal-Programm

Dan is-sillabu jistabbilixxi l-kontenut u l-metodu tal-assessjar għall-għoti taċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-**MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA** f'Livell 1, 2 jew 3. It-tagħlim ta' dan il-programm jibda minn Settembru 2022. L-ewwel ċertifikati joħorġu fis-sena 2025.

It-tabella li jmiss tirreferi għal-livelli li l-kandidati jistgħu jiksbu meta jagħmlu l-eżamijiet taċ-ĊES. Dawn huma spjegazzjonijiet ġeneriċi li jiddeskrivu l-kumplessità u sa fejn iwassal kull livell sabiex il-kandidati jiksbu ċertifikat ta' llivell 1, 2 jew 3 fil-Malti bħala Lingwa Barranija. (L-inqas livell huwa Livell 1 u l-ogħla livell huwa Livell 3).

| |
|---|
| **Livell 1**<br>Fl-aħħar tal-programm il-kandidati jkunu kisbu għarfien, ħiliet u kompetenzi bażiċi fis-suġġett bħal ħiliet komunikattivi bażiċi u l-ħila li jsegwu istruzzjonijiet sempliċi b'għan li jitlesta l-eżerċizzju mogħti. L-eżerċizzji se jinkludu għajnuna. |
| **Livell 2**<br>Fl-aħħar tal-programm il-kandidati jkunu kisbu għarfien, ħiliet u kompetenzi tajbin fis-suġġett bħall-interpretazzjoni ta' informazzjoni u ideat mogħtija. Il-kandidati se jkunu żviluppaw il-ħila li jaħdmu eżerċizzji kumplessi. L-eżerċizzji se jinkludu ftit għajnuna. |
| **Livell 3**<br>Fl-aħħar tal-programm il-kandidati, b'mod awtonomu, se jkunu kapaċi japplikaw l-għarfien u l-ħiliet f'varjetà ta' eżerċizzji kumplessi. Il-kandidati se jħaddmu l-ħila tal-ħsieb kritiku biex janalizzaw, jevalwaw u jirriflettu fuq xogħolhom u xogħol ħaddieħor. Eżerċizzji kumplessi, li fihom il-kandidati jridu jagħtu soluzzjoni, jaf ikunu parti mill-proċess tal-assessjar. |

# Il-Kisbiet mit-Tagħlim u l-Kriterji tal-Assessjar

| L-Aspett tas-Suġġett: | IT-TAĦDIT |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 1:<br><br>Karta I u Karta II | NITĦADDET BIEX NIKKOMUNIKA FIL-ĦAJJA TA' KULJUM. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 1.1a Nuża espressjonijiet ta' kuljum biex insellem u/jew nirringrazzja u/jew niskuża ruħi u/jew inselli għal xi ħadd. | 1.2a Inwieġeb mistoqsijiet li jsiru b'mod sempliċi. | 1.3a Nipparteċipa f'diskursata dwar kuntest mogħti billi nuża frażijiet idjomatiċi. |
| 1.1b Nagħti istruzzjonijiet bl-għajnuna ta' viżwal b'mhux aktar minn 4 verbi fl-imperattiv pożittiv. | 1.2b Inżid istruzzjoni oħra mingħajr l-għajnuna tal-viżwal. | 1.3b Nagħti twissijiet u rakkomandazzjonijiet marbuta mal-istruzzjoni fejn jista' jitħaddem l-imperattiv fin-negattiv. |
| 1.1ċ Nagħti direzzjonijiet lil xi ħadd biex ngħinu jasal minn post għal ieħor, bl-għajnuna tal-viżwal u vokabularju. | 1.2ċ Nagħti direzzjonijiet lil xi ħadd biex ngħinu jasal minn post għal ieħor, bl-għajnuna tal-viżwal. | 1.3ċ Nagħti direzzjonijiet lil xi ħadd meta jistaqsini kif jasal minn post għal ieħor, bil-viżwal. |
| 1.1d Nistaqsi u nwieġeb dwar il-ħin li jinkludu s-sigħat, u nofs, u kwart u neqsin kwart. | 1.2d Nistaqsi u nwieġeb dwar il-ħin bl-użu tal-minuti kemm l-arloġġ tat-tnax-il siegħa kif ukoll tal-erbgħa u għoxrin siegħa. | 1.3d Nispjega skeda bil-ħinijiet. |
| 1.1e Nitħaddet b'għajnuna billi nuża frażijiet u sentenzi sempliċi biex nikkomunika. | 1.2e Nipparteċipa b'għajnuna f'konverżazzjoni qasira wiċċ imb wiċċ. | 1.3e Nipparteċipa f'konverżazzjoni wiċċ imb wiċċ fuq temi mogħtija minn qabel. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | IT-TAĦDIT |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 2:<br><br>Karta I u Karta II | NITĦADDET BIEX NIKSEB U NAGĦTI INFORMAZZJONI. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 2.1a Nuża vokabularju bażiku, frażijiet sempliċi u pronunzja li toqrob lejn dik Maltija. | 2.2a Nuża vokabularju varjat, sentenzi sempliċi bi pronunzja u b'intonazzjoni addattati u qbil grammatikali bejn il-verb, in-nom u l-aġġettiv. | 2.3a Nuża vokabularju xieraq, sentenzi komposti bi pronunzja u b'intonazzjoni addattati u qbil grammatikali tajjeb. |
| 2.1b Ngħid liema affarijiet jidhru fil-viżwal. | 2.2b Niddeskrivi sitwazzjoni. | 2.3b Nitkellem billi nqabbel sitwazzjonijet jew affarijiet differenti. |
| 2.1ċ Nitlob informazzjoni billi nistaqsi mistoqsijiet relevanti dwar viżwal. | 2.2ċ Nitlob informazzjoni dwar kuntest mogħti billi nistaqsi mistoqsijiet relevanti. | 2.3ċ Nagħti spjegazzjonijiet dettaljati u msaħħa b'eżempji. |
| 2.1d Nagħti informazzjoni fi ftit kliem, imħejjija minn qabel dwar tema fis-sillabu. | 2.2d Nagħti informazzjoni li tinkludi dettalji, imħejjija minn qabel dwar tema fis-sillabu. | 2.3d Nelabora l-informazzjoni skont il-mistoqsijiet li jsiruli. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | IT-TAĦDIT |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 3:<br><br>Karta I u Karta II | NITĦADDET BIEX NAGĦTI OPINJONI U NKUN KREATTIV. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 3.1a Nagħti l-ideat tiegħi dwar suġġett li nagħżel fost dawk ippreżentati. | 3.2a Nesponi l-ideat tiegħi msaħħa b'eżempji dwar suġġett li nagħżel fost dawk ippreżentati, bil-għajnuna ta' mistoqsija jew ħjiel. | 3.3a Nagħti raġunijiet validi biex insostni l-ideat tiegħi. |
| 3.1b Ngħid x'jogħġobni u ma jogħġobnix fi stampa fuq tema magħżula fost dawk ippreżentati. | 3.2b Ngħid għaliex jogħġobni jew ma jogħġobnix dak li qed nara fl-istampa fuq tema li nagħżel minn dawk ippreżentati. | 3.3b Nispjega l-opinjoni tiegħi fuq is-suġġett/tema tal-istampa li nagħżel minn dawk ippreżentati billi nsaħħaħ b'argumenti u/jew suġġerimenti u/jew raġunijiet. |
| 3.1ċ Ngħaqqad rakkont b'għajnuna ta' viżwal, kliem u/jew frażijiet li jingħatawli. | 3.2ċ Nagħti tmiem differenti għal rakkont li jingħatali. | 3.3ċ Niżviluppa rakkont minn bidu ta' storja li jingħatali billi nirrakkontah minn perspettiva differenti. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **IS-SMIGĦ** |
| **Kisba mit-Tagħlim 4:**<br><br>**Karta I u Karta II** | NISMA’ FIL-ĦAJJA TA’ KULJUM. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 4.1a Nidentifika bil-kitba tislimiet komuni li smajt.<br><br>*Eż. bonġu, saħħa, grazzi, għandi pjaċir, tant ieħor , il-lejl it-tajjeb, lilek ukoll.* | 4.2a Nagħżel l-ispjega addattata għall-espressjonijiet komuni/idjomatiċi li nisma’. | 4.3a Nagħżel l-ispjega addattata għall-espressjonijiet u l-lingwaġġ figurattiv skont dak li nisma’. |
| 4.1b Nidentifika liema struzzjonijiet smajt. | 4.2b Nidentifika twissijiet u/jew pariri li nisma’. | 4.3b Nidentifika l-ordni kronoloġika ta’ struzzjonijiet u jew twissijiet u/jew pariri wara li nismagħhom. |
| 4.1ċ Nagħżel in-numri li nisma’ minn dawn: waħdiet u/jew għaxriet u/jew mijiet u/jew eluf li juru prezzijiet u dati (ġranet u xhur). | 4.2ċ Nagħżel in-numri minn silta li nisma’ minn dawn: il-waħdiet sal-għaxriet u/jew sal-mijiet u/jew sal-eluf biex nuri kwantità, prezzijiet, temperaturi u dati.<br><br>Eż. 125, 1976, 102 Ewro. | 4.3ċ Nagħżel numri li nisma’: numri ordinali, il-wieħed sal-mija, il-wieħed sal-eluf, il-plural magħdud minn 2-10, u minn 11-19.<br><br>Eż. 101 – mitt kelb u wieħed, 1001 – elf siġra u waħda, 5 bananiet, 11-il mejda, eċċ |
| 4.1d Insegwi djalogu/diskussjoni billi nagħraf il-punti ewlenin. | 4.2d Insegwi djalogu/diskussjoni billi nagħraf il-punti sekondarji. | 4.3d Nifforma opinjoni dwar djalogu/diskussjoni li nisma’. |
| 4.1e Inwieġeb mistoqsijiet referenzjali u sempliċi skont dak li nisma’. | 4.2e Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali skont dak li nisma’. | 4.3e Inwieġeb tipi differenti ta’ mistoqsijiet skont dak li nisma’. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | IS-SMIGĦ |
|---|---|
| Kisba mit-Tagħlim 5:<br><br>Karta I u Karta II | NISMA’ BIEX NINFORMA RUĦI. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 5.1a Nidentifika s-suġġett tas-silta li smajt b’għajnuna. | 5.2a Nidentifika informazzjoni relevanti mis-silta li smajt. | 5.3a Nidentifika l-argumenti favur u kontra xi suġġett f’silta li smajt. |
| 5.1b Nislet id-dettalji minn dak li smajt. | 5.2b Nikkategorizza d-dettalji importanti tas-silta li smajt. | 5.3b Nitlob aktar dettall dwar dak li smajt. |
| 5.1ċ Insegwi kliem/frażijiet li jintqal b’mod ċar. | 5.2ċ Insegwi taħdit sempliċi li jintqal b’mod ċar. | 5.3ċ Insegwi taħdit li jintqal b’mod mexxej u ċar. |

| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **IL-QARI U L-LETTERATURA** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 6:**<br><br>**Karta I u Karta II** | NAQRA ĠENERI DIFFERENTI. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 6.1a Nidentifika l-idea ġenerali ta' silta sempliċi. | 6.2a Inwieġeb mistoqsijiet referenzjali. | 6.3a Inwieġeb mistoqsijiet inferenzjali dwar is-silta. |
| 6.1b Nagħraf test hux reali jew fittizju. | 6.2b Niddistingwi bejn fatt u opinjoni f'test sempliċi. | 6.3b Niddistingwi bejn fatt u opinjoni billi nsaħħaħ b'evidenza. |
| 6.1ċ Nagħraf ir-relazzjoni bejn test u stampa. | 6.2ċ Nikkummenta dwar ir-relazzjoni bejn test u stampa. | 6.3ċ Nispjega r-relazzjoni bejn partijiet mit-test u l-viżwal/viżwal grafiku. |
| 6.1d Inqabbel in-numri kardinali (tip B) miż-0 sal-20 miktuba mal-figuri. | 6.2d Inwieġeb mistoqsijiet dwar n-numri kardinali (tip B) minn 21 sal-eluf ; numri kardinali (tip A) li jistgħu jkunu minn 1 sa 20 u bil-plural magħdud (minn 2 sa 10); numri ordinali minn 1 sa 20 bl-artiklu u bin-nom warajh. | 6.3d Inwieġeb mistoqsijiet dwar numri kardinali (tip B) li jinkludu l-eluf.<br><br>*Eż: dati, prezzijiet, eċċ.* |
| 6.1e Nagħżel it-tifsira t-tajba ta' kliem mogħti mis-silta skont il-kuntest li qrajt. | 6.2e Nagħti t-tifsira ta' kliem/frażi mogħtija mis-silta skont il-kuntest li qrajt. | 6.3e Nagħti kelma sinonima u/jew frażi li tfisser l-istess bħal għal kliem mogħti mis-silta skont il-kuntest li qrajt. |
| 6.1f Nidentifika kliem ċavetta mis-silta. | 6.2f Nidentifika s-sentenza/i ċavetta tas-silta. | 6.3f Nidentifika taqsira waħda minn tlieta li l-aktar tirrifletti l-kontenut tas-silta mogħtija. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 6.1ġ Nuri x'għoġobni jew m'għoġobnix fil-kitba. | 6.2ġ Nuri l-fehmiet tiegħi fuq testi li naqra. | 6.3ġ Nagħti kummenti u opinjoni personali fuq test li naqra u ngħid għaliex. |

| | |
|---|---|
| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **IL-QARI U L-LETTERATURA** |
| **Kisba mit-Tagħlim 7:**<br><br>**Karta I u Karta II** | NAQRA B'VUĊI GĦOLJA. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 7.1a Naqra skont ir-regoli fonetiċi. | 7.2a Naqra skont ir-regoli fonetiċi u b'intonazzjoni xierqa. | 7.3a Naqra skont ir-regoli fonetiċi u b'intonazzjoni xierqa, kif ukoll skont it-ton tas-silta b'attenzjoni għall-punteġġjatura b'pass mexxej. |
| 7.1b Nispelli lista ta' 10 kelmiet billi nagħti l-isem tal-ittri f'kull kelma u naqra l-kelma. | 7.2b Naqra b'vuċi għolja sentenzi marbutin ma' tema li flimkien jammontaw għal madwar 50 kelma. | 7.3b Naqra paragrafu b'vuċi għolja silta ta' madwar 70 kelma. |
| 7.1ċ Naqra n-numri kardinali (tip B) miż-0 sal-20. | 7.2ċ Naqra sentenzi li jinkludu n-numri kardinali (tip B) minn 21 sal-eluf. | 7.3ċ Naqra silta li tinkludi 10 numri kardinali (tip B) li jinkludu l-eluf.<br><br>*Eż: dati, prezzijiet, eċċ.* |
| | 7.2d Naqra sentenzi li jinkludu 5 numri kardinali (tip A) li jistgħu jkunu minn 1 sa 20 u bil-plural magħdud (minn 2 sa 10). | |
| | 7.2e Naqra sentenzi li jinkludu 5 numri ordinali minn 1 sa 20 bl-artiklu u bin-nom warajh. | |

| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **IL-QARI U L-LETTERATURA** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 8:**<br><br>**Karta II** | NAPPREZZA TESTI LETTERARJI. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 8.1a Nidentifika t-tema f'test letterarju.<br><br>*Eż: ambjent, imħabba, żmien tal-ħajja, eċċ.* | 8.2a Nidentifika t-ton/il-burdata tal-kittieb.<br><br>*Eż: rabja, ferħ, diżappunt, nostalġija, eċċ.* | |
| | 8.2b Nagħraf l-għodod letterarji. | 8.3b Nevalwa t-tħaddim tal-għodod letterarji. |
| | 8.2ċ Nagħraf il-forma tat-test. | 8.3ċ Nagħraf ir-rabta bejn il-forma u l-kontenut. |
| 8.1d Nesprimi x'ħassejt wara li qrajt jew smajt test letterarju.<br><br>*Eż: sens ta' gost, dwejjaq, riflessjoni, eċċ.* | 8.2d Nagħti raġunijiet għall-emozzjonijiet tiegħi wara li qrajt jew smajt test letterarju. | 8.3d Ninterpreta l-idea ġenerali tat-test. |
| 8.1e Nidentifika min huma l-karattri prinċipali u sekondarji f'test letterarju. | 8.2e Nelabora dwar il-karattru/i f'test letterarju. | 8.3e Nassoċja ruħi mal-karattri bi spjegazzjoni. |
| | 8.2f Nagħraf iż-żmien u l-ambjent ta' test letterarju. | 8.3f Nelabora dwar l-ambjent u ż-żmien ta' test letterarju b'eżempji mit-test. |

| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **IL-KITBA** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 9:**<br><br>**Karta I u Karta II** | NIKTEB B'MALTI TAJJEB U KREATTIV. |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
|---|---|---|
| 9.1a Nikteb sentenzi sempliċi skont tema mogħtija. | 9.2a Nikteb sentenzi f'paragrafu skont tema mogħtija. | 9.3a Nikteb paragrafi li jorbtu flimkien. |
| 9.1b Nikteb b'vokabularju bażiku bi ftit ripetizzjonijiet. | 9.2b Nikteb b'vokabularju varjat. | 9.3b Nikteb b'vokabularju varjat u jixraq mal-kuntest. |
| 9.1ċ Nikteb sentenzi bi struttura sintattika bażika. | 9.2ċ Nikteb test sempliċi b'sentenzi komposti.<br><br>*Eż. bl-għajnuna ta' konġunzjonijiet.* | 9.3ċ Nikteb test b'sentenzi bi strutturi sintattiċi differenti marbutin flimkien skont tema. |
| 9.1d Nuża l-punteġġjatura bażika. | 9.2d Nuża l-punteġġjatura kif meħtieġ. | |
| 9.1e Nuża strutturi grammatikali bażiċi. | 9.2e Nuża strutturi grammatikali ġeneralment b'mod korrett. | 9.3e Nuża strutturi grammatikali kumplessi ġeneralment b'mod korrett. |
| 9.1f Inħaddem aspetti ortografiċi bażiċi. | 9.2f Inħaddem aspetti ortografiċi b'xi nuqqasijiet. | 9.3f Inħaddem aspetti ortografiċi ġeneralment b'mod korrett. |
| 9.1ġ Nikteb b'ideat sempliċi bi ftit rabta mas-suġġett. | 9.2ġ Niżviluppa ideat b'rabta mas-suġġett mingħajr ripetizzjonijiet. | 9.3ġ Niżviluppa ideat varjati b'rabta mas-suġġett. |

| | | |
|---|---|---|
| 9.1g Nikteb b'sekwenza ġenerali fil-binja tal-ħsieb. | 9.2g Nikteb b'sekwenza lineari u dettaljata fil-binja tal-ħsieb. | 9.3g Nikteb b'sekwenza u koerenza fl-ideat. |

| **L-Aspett tas-Suġġett:** | **IL-KITBA** |
|---|---|
| **Kisba mit-Tagħlim 10:**<br><br>**Karta II** | NIKTEB BIEX NINQEDA FIL-ĦAJJA TA' KULJUM. |

| **Kriterju tal-Assessjar (Livell 1)** | **Kriterju tal-Assessjar (Livell 2)** | **Kriterju tal-Assessjar (Livell 3)** |
|---|---|---|
| 10.1a Nikteb nota b'għajnuna. | 10.2a Nikteb nota. | |
| 10.1b Nikteb avviż/reklam b'għajnuniet. | 10.2b Nikteb avviż/reklam. | |
| 10.1ċ Nikteb lista. | 10.2ċ Nikteb rendikont tax-xogħol li għamilt msaħħa b'kummenti. | |
| | 10.2d Nikteb ittra elettronika/postali formali/informali b'għajnuniet. | 10.3d Nikteb ittra postali/elettronika formali/informali. |
| | 10.2e Nikteb rapport b'għajnuniet. | 10.3e Nikteb rapport. |
| 10.1f Nikteb reċensjoni billi nkompli nimla l-vojt. | 10.2f Nikteb reċensjoni b'għajnuniet. | 10.3f Nikteb reċensjoni. |

| L-Aspett tas-Suġġett: | IL-KITBA |
| --- | --- |
| Kisba mit-Tagħlim 11:<br><br>Karta I u Karta II | NIKTEB BIEX NAGĦTI U NIKSEB INFORMAZZJONI |

| Kriterju tal-Assessjar (Livell 1) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 2) | Kriterju tal-Assessjar (Livell 3) |
| --- | --- | --- |
| 11.1a Nimla formolarju sempliċi bid-dettalji personali. | 11.2a Nimla formolarju bid-dettalji u r-raġunijiet meħtieġa. | 11.3a Nimla formolarju bi tweġibiet dettaljati għal mistoqsijiet miftuħa. |
| 11.1b Nikteb il-punti bażiċi f'lista. | 11.2b Nikteb il-punti b'mod iddettaljat f'paragrafu. | 11.3b Niżviluppa l-punti f'kitba kontinwa. |
| 11.1ċ Nikteb mistoqsijiet sempliċi. | 11.2ċ Nikteb mistoqsijiet impenjattivi. | 11.3ċ Nikteb mistoqsijiet u tweġibiet għalihom. |

# L-Iskema tal-Assessjar

## Kandidati tal-Iskola

L-assessjar jikkonsisti minn żewġ karti: L-Ewwel Karta u t-Tieni Karta. L-Ewwel Karta tikkonsisti minn assessjar ibbażat fl-iskola mhux moderat. Dan ix-xogħol għandu jiġi ssettjat u assessjat mill-iskola. It-Tieni Karta tikkonsisti f'karta li ssir fl-aħħar sena tas-sekondarja.

**School Based Assessment (SBA):** huwa kwalunkwe tip ta' assessjar issettjat mill-iskola magħmul skont is-sillabu taċ-ĊES li se jkun qed jirrefletti l-livell finali milħuq fis-suġġett.

**Il-Karta Controlled:** hija eżami bil-kitba ta' sagħtejn u oral ta' għaxar minuti issettajt fl-aħħar tal-programm u varjat fuq żewġ livelli:

a. Livelli 1 u 2;
b. Livelli 2 u 3.

Il-kandidati jridu jissodisfaw lill-eżaminaturi fl-Ewwel u fit-Tieni Karta sabiex jiksbu livell ogħla minn 1.

**L-Ewwel Karta – School-Based Assessment: (30% tal-marka totali)**

L-SBA se jiġi mmarkat minn 100 marka kull sena (9, 10 u 11). L-assessjar għal kull sena se jkopri 10% tal-marka globali u l-iskola se tagħti l-marka lill-MATSEC fl-aħħar sena tas-sekondarja. Għaldaqstant, il-marka ta' kull sena se tkun qed tikkontribwixxi għall-marka finali tal-SBA. L-SBA jrid jirrifletti is-sillabu tal-MATSEC fid-9 sena, l-10 sena u 11-il sena.

L-SBA jista' jinqasam f'żewġ kategoriji:

- L-SBA fil-Livell 1-2 irid ikopri l-kriterji tal-assessjar minn dawn iż-żewġ livelli. Huwa ssuġġerit li l-kriterji tal-assessjar ikunu ta' 40% f'Livell 1 u ta' 60% f'Livell 2;
- L-SBA fil-Livell 1-2-3 irid ikopri l-kriterji tal-assessjar minn dawn it-tliet livelli. Huwa ssuġġerit li l-kriterji tal-assessjar ikunu ta' 30% f'Livell 1 u 2 u ta' 40% f'Livell 3;
- Il-marka tal-SBA ppreżentata f'Livell 1-2 għall-kwalifika f'Livell 2-3 se tkun ikkalkulata minn 60% tal-marka oriġinali. Il-marka tibqa' kif inhi f'kwalunkwe każ ieħor.

**It-Tieni Karta – Il-Karta Controlled (70% tal-marka totali)**

**L-Eżami (100 marka; sagħtejn)**

**Il-Karta Controlled se:**

- tkopri l-kisibiet kollha anke dawk li mhumiex indikati li se jiġu assessjati fl-SBA;
- immarkata minn 100.
- magħmul minn eżami bil-kitba ta' sagħtejn. It-taħdit mhux inkluż f'dawn is-sagħtejn imma se jsir f'sessjoni għalih ta' 10 minuti; imħejji fl-aħħar tal-programm u varjat bejn żewġ livelli:

a. LIVELL 1 sa 2;
b. LIVELL 2 sa 3.

**Noti dwar l-istruttura tal-Karta Controlled f'kull livell (LIVELL 1-2, LIVELL 2-3).**

| Il-ħila | % | Il-ħin | Il-marki minn 100 | Il-kontenut |
|---|---|---|---|---|
| **It-Taħdit** | 15% | 10 minuti | 15 | **Eżerċizzju skont kriterji kisbiet 1, 2 u 3** |
| **Is-Smigħ** | 15% | 20 minuta | 15 | **Silta u eżerċizzju skont kisbiet 4 u 5** |
| **Il-Qari** | 15% | 30 minuta | 25 | **Silta għall-qari  skont kriterji tal-kisba 6** |
| **Il-Kitba Kreattiva** | 15% | 35 minuta | 25 | **Kitba waħda twila skont kriterji tal-kisba 9 u 11** |
| **Il-Kitba Funzjonali** | 5% | 15-il minuta | 10 | **Kitba waħda qasira skont kriterji tal-kisba 9 u 10** |
| **Il-Letteratura** | 5% | 20 minuta | 10 | **Silta waħda li tista' tkun proża jew poeżija skont kisba 8** |
| | **70%** | **130 minuta** | **100** | |

## Kandidati Privati

Il-Kandidati Privati mhumiex mistennija jagħmlu l-SBA bħall-Kandidati tal-Iskola. Il-Kandidati Privati għandhom jagħmlu Karta Controlled (30%) oħra minflok l-SBA. Il-Kandidati Privati se jiġu assessjati permezz ta' **ŻEWĠ** Karti Controlled, it-tieni waħda tkun dik komuni ma' tal-Kandidati tal-Iskola. L-Ewwel Karta tal-Kandidati Privati se tkun eżami bi tliet Livelli 1, 2 u 3 kif indikat mis-sillabu tal-MATSEC. L-assessjar se jkun ibbażat fuq il-kisbiet indikati fis-sillabu għall-SBA. Il-kisbiet u l-kriterji tal-assessjar jiffukaw fuq il-ħiliet li se jiġu assessjati b'mistoqsiijiet permezz tal-kitba b'għan li juru l-fehim tal-kandidati.

# L-Appendiċi

**Appendiċi Numru 1: Il-Grammatika (morfoloġija u sintassi)**

It-topiks tal-grammatika għandhom jiġu mħaddma skont it-topiks fil-kisbiet u l-enfasi għandha tkun fuq l-aspett komunikattiv.

**LIVELL 1**

- Il-pronomi personali
- Il-pronom personali f'sentenza kopulari (eż. Jien tifla, Hu tabib)
- Is-sentenzi kopulari (eż, Pawlu tabib, It-tfal morda)
- Il-pronomi dimostrattivi (din, dan, dawn, dik, dak, dawk)
- Il-pronomi interrogattivi (Min, Fejn, Xi, X', Fi, X'ħin, Liema)
- L-artiklu – ma' nomi skont it-temi fis-sillabi
- L-għadd tan-nom singular u plural
- Il-kostruzzjoni 'nom + aġġettiv' (qbil fil-ġens M/F) (skont it-temi)
- L-imperfett ta' verbi (skont it-temi)
- Il-futur (se + imperfett)
- Il-kostruzzjoni 'qed + imperfett'
- Il-verb fl-Imperattiv skont it-temi
- Il-morfemi fissi: Jogħġobni, jisimni, kunjomi, għandi, tiegħi (fil-persuni kollha)
- Il-konġunzjonijiet: u, imma
- Il-prepożizzjonijiet: lil, ta', ma'
- Il-prepożizzjonijiet (ta', ma', sa) magħqudin mal-artiklu – qamrin u xemxin (eż. tal-, mal-, tas-, mas-)
- Il-prepożizzjonijiet, eż. Quddiem, wara, taħt, fuq, ħdejn, maġenb, faċċata, bejn.

**LIVELL 2**

- Il-verbi fil-perfett (skont it-temi)
- Il-mamma tal-verb (tiftix fid-dizzjunarju)
- Il-verb fl-imperattiv (skont it-temi)
- Żewġ verbi fl-imperfett, eż. Inħobb nilgħab, noqgħod niekol,
- In-negattiv fil-kostruzzjoni 'ma + imperfett + x' (eż. ma norqodx)
- In-negattiv bl-użu ta' 'mhux' (eż. mhux hekk, mhux iswed)
- In-negattiv tal-pronomi personali
- Il-prepożizzjonijiet, eż. quddiem, wara, taħt, fuq, ħdejn, maġenb, faċċata, bejn

- L-artiklu mal-prepożizzjonijiet (sal-, ġol-, fil-, bil-, mill-)
- Il-pronomi mehmużin mal-prepożizzjonijiet, eż. fih, fuqu, (mal-persuni kollha)
- Il-pronomi meħmużin man-nomi, eż. rasi, saqajja, ħwejġi, ziti
- Il-pronomi interrogattivi (Meta? Kemm? Kif? Minn fejn? Min ġie? Għaliex? Trid?)
- L-għadd tan-nom li jinkludi l-għadd imtenni (skont it-temi)
- Il-komparattiv u s-superlattiv
- Il-verbi 'kien' u 'kellu'

**LIVELL 3**

- Il-komparattiv u s-superlattiv
- L-avverbji
- Il-pronomi riflessivi
- Is-suffissi pronominali bl-oġġett indirett (eż. ħadhielu, ħaslithomlu)
- Il-verbi fil-kostruzzjoni perfett + imperfett (eż. kont immur, morna niġru)
- Il-parteċipju passiv
- Il-parteċipju attiv
- Is-sentenza subordinata bl-użu ta' li, biex, ħalli, (eż. Il-kelb **li** rajt kien mejjet)

**L-Ortografija u l-Pronunzja**

**LIVELL 1**

- Il-kitba tal-ittri kollha tal-alfabett, il-ħoss u l-isem tagħhom

**LIVELL 2**

- Il-mudelli tal-verbi bl-'għ'
- Il-prepożizzjonijiet mal-artiklu: lil/lill-/lil-; għal/ għall-/għal-
- Il-ħoss tal-'għ' mal-'h', eż. refagħha, jismagħha
- Il-ħoss tal-'h' u l-'għ' fi tmiem il-kelma, eż. qrah, qlugħ

**LIVELL 3**

- Il-Punteġġjatura

**Appendiċi Numru 2: In-Numri bil-Malti**

| | LIVELL 1 | LIVELL 2 | LIVELL 3 |
|---|---|---|---|
| Is-Smigħ | Nimmarka f'lista ta' 5 frażijiet in-numri kardinali li nisma'<br>(in-numri jinqraw wieħed wieħed miż-0 sal-20). | Nikteb in-numri kardinali f'figuri li nisma' minn 1 sal-eluf – lista ta' 10 sentenzi kumplessi<br>li jinkludu vojt fejn irid jinkiteb in-numru<br>(jirreferu għal karozzi tal-linja, etajiet, numri tat-telefown). | Nikteb in-numri f'figuri li juru kwantitajiet li nisma', minn 1 sal-eluf, f'lista' ta' 20 eżempju<br>(jirreferu għal qisien, daqsijiet, piżijiet, prezzijiet). |
| It-Taħdit | | | |
| Il-Qari | Naqra n-numri kardinali (tip B) miż-0 sal-20. | Naqra n-numri kardinali (tip B) minn 21 sal-eluf. | Naqra lista ta' 10 numri kardinali (tip B) li jinkludu l-eluf.<br>(dati, prezzijiet, eċċ) |
| | | Naqra 5 numri kardinali (tip A) li jistgħu jkunu minn 1<br>sa 20 u bil-plural magħdud (minn 2 sa 10). | |
| | | Naqra 5 numri ordinali minn 1 sa 20 bl-artiklu<br>u bin-nom warajh. | |
| Il-Kitba | | | |

Fil-lista tas-sillabu nagħtu eżempji bl-artiklu u n-nom wara, eż. għandi seba' snin (P); għandi ħamsa u għoxrin sena (S); għandi tnax-il sena (S); għandi mitt kelb (S); għandi ħames mija minnhom (P); il-ħames wieħed/waħda; it-tnax-il wieħed/waħda; il-ħamsa u tletin wieħed/waħda;

Erba' bananiet (plural magħdud/determinat); seba' tuffiħat

**Tabella bin-Numri**

| **In-Numri Kardinali** | | **In-Numri Ordinali** |
|---|---|---|
| **Tip A** | **Tip B** | |
| Wieħed/waħda | Wieħed | L-ewwel |
| Żewġ/ġiex | Tnejn | It-tieni |
| Tliet | Tlieta | It-tielet |
| Għaxar | Erbgħa | Ir-raba' |
| Tnax-il | Ħamsa | Il-ħames |
| Dsatax-il | Sitta | Is-sitta (is-sitt wieħed/waħda) |
| Mitt kelb u wieħed | Sebgħa | Is-sebgħa |
| Mija u żewġt iklieb | Tmienja | It-tmienja (it-tmien wieħed/waħda) |
| Mija u ħamest iqtates | Disgħa | Id-disgħa |
| | Għaxra | L-għaxar wieħed/waħda |
| | Ħdax | Il-ħdax-il wieħed/waħda |
| | Tnax | It-tnejn u għoxrin wieħed/waħda |
| | Tlettax | Il-ħames mitt wieħed |
| | Erbatax | |
| | Ħmistax | |
| | Sittax | |
| | Sbatax | |
| | Tmintax | |
| | Dsatax | |
| | Għoxrin | |
| | Wieħed u għoxrin | |
| | Mija u ħamsa | |

*(Referenza: Borg, A. & Azzopardi-Alexander, M. (1997) Maltese. London: Routledge)*

**Appendiċi Nru 3**

**Kisba mit-tagħlim: Napprezza testi letterarji**

**Tabella tal-għodod letterarji**

| TERMINU LETTERARJU | LIVELL 1 | LIVELL 2 | LIVELL 3 |
|---|---|---|---|
| **Kliem li jirrima:** ġeneralment jinstab fl-aħħar tal-vers bħal snin/ħażin; ġlied/inkwiet. | ✓ | ✓ | ✓ |
| **Vers/Versi:** il-linji ta' kliem li jagħmlu l-poeżija. | ✓ | ✓ | ✓ |
| **Strofa/Strofi:** ġabra ta' versi flimkien li jagħmlu poeżija. | ✓ | ✓ | ✓ |
| **Onomatopea:** kliem li bosta drabi jkollu l-istess sillaba ripetuta u jintuża biex bil-kelma stess twassal il-ħoss bħal ċapċap, keskes, paqpaq, pespes. | ✓ | ✓ | ✓ |
| **Alliterazzjoni:** meta xi kliem ikun ħdejn xulxin u jkollu l-istess konsonanti/vokali fih bħal ġnien b'ġilju u ġiżimin. | ✓ | ✓ | ✓ |
| **Tixbiha forma ta' similtudini:** fejn isir tqabbil ta' żewġ affarijiet billi jintużaw bħal, qisu, daqs, pereżempju ħafif daqs berqa, twil qisu sur. | | ✓ | ✓ |
| **Tixbiha forma ta' personifikazzjoni:** fejn affarijiet li mhumiex bnedmin iġibu ruħhom qishom nies bħal ix-xemx tidħak, il-weraq jgħajjat. | | ✓ | ✓ |
| **It-ton u l-burdata:** meta jkun hemm ħafna kliem u frażijiet li juru ferħ, niket, dwejjaq, ċajtier u l-bqija. | | ✓ | ✓ |
| **Tixbiha forma ta' metafora sempliċi:** meta jsir tqabbil bejn żewġ affarijiet b'mod dirett bla ma jkun hemm użu ta' kliem bħal qisu, daqs, bħal: il-ħajja warda, is-suldat iljun feroċi, il-baħar żejt. | | | ✓ |
| **Ir-ripetizzjoni:** meta kelma jew frażi tkun ripetuta għal xi skop bħal biex issir enfasi, tiġbed l-attenzjoni, tfakkar. | | | ✓ |
| **L-indirizz poetiku dirett (l-apostrofi):** bl-użu ta' ja/o bħal Ja Malta, O tfajjel. | | | ✓ |

**Appendiċi Nru 4**

| **Il-Ħila** | **LIVELL 1** | **LIVELL 2** | **LIVELL 3** |
|---|---|---|---|
| **Is-Smigħ** | SBA madwar 50 kelma<br>controlled | madwar 100 kelma<br>madwar 150 kelma | madwar 150 kelma<br>madwar 300 kelma |
| | | | |
| **Il-Qari** | controlled | madwar 300 kelma | madwar 400 kelma |
| **Il-qari b'vuċi għolja** | 10 kelmiet | madwar 50 kelma | madwar 80 kelma |
| | | | |
| **Il-Kitba**<br>**Il-Kitba qasira**<br>**Il-Kitba twila** | 40-60 kelma | 80 kelma<br>150 kelma | 100 kelma<br>250 kelma |

* Ma jitnaqqsux marki jekk il-kandidati jaqbżu in-numru ta' kliem fil-kitba.